FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHAAL QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 4 TA' LULJU 2000

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
PAUL MICHAEL KAVANAGH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Michael Kavanagh ta' 22 sena bin David u Pauline nee Zammit imwieled Birmingham fit-18 ta' Jannar 1978 u residenti Dar tat-Talb Frate Francesco, Mannarino Road, Birkirkara u bin-numru tal-identita 17339A talli wara nofs inhar fil-limiti ta' l-Imriehel fit-22 ta' Marzu 2000 ikkommetta serq ta' numru ta' oggetti ghad-dannu ta' Adrian Borg Gigho (192278M) proprjetarju attwali tal-Wignacourt Hotel sitwata fi Triq Bontadini Mriehel, u liemas erq huwa aggravat bil-valur li huwa ta' iktar min Lm100 izda inqas minn Lm1000, u dan kollu bi ksur tal-artikoli 261© u 267 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-ammissjoni tieghu stess l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza pero minghajr l-aggravju tal-valur.

Rat Art 284, 285 kap 9, rat 5 kap 152 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, bil-kondizzjoni li jidhol jsegwi programm residenzjali mas-Sedqa sal-finalita tieghu taht is-sorveljanza tal-Probation Officer Victoria Grech.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

A/DEP REG.